

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2018/C 401/07)

*Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Malta*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Malta

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Patrimonju Kulturali

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn inħoloq minn student tal-iskola u juri varjetà ta' temi klassiċi tal-wirt Malti inkluż: referenza għat-tempji preistoriċi, li huma l-eqdem strutturi weqfin fid-dinja, koppla u kampnar ta' knisja, li huma karatteristiċi tal-promontorju Malti ta' belt u raħal u rappreżentazzjoni ta' dgħajsa tradizzjonali Maltija bil-bandiera Maltija. L-isem tal-pajjiż ta' ħruġ "Malta" huwa fin-naħa ta' fuq fiċ-ċirku ta' ġewwa tal-munita u s-sena "2018" fin-naħa ta' isfel.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 320 000

Data tal-ħruġ: Novembru 2018

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).